MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Numru. 818/2004

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Manueli sive Emanuel Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-30 ta’ Lulju, 2003, u fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahla biex ibieghhom jew imexxihom; liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalfikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1,000);

Fuq ammissjoni;

Issibu hati tal-akkuzi kollha, wara illi rat l-Artikoli 334, 261(c), 261 (b), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 17, 21, 20 u 31 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-hati irregistra ammissjoni bikrija, ikkopera mal-pulizija, u irritorna l-oggetti kollha misruqa, kif ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali netta.  Ghalhekk ma tqisx piena karcerarja bhala ideonea ghall-akkadut, u, wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar millum;

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------